KUNSILL LOKALI **SLIEMA** LOCAL COUNCIL

Ref: Seduta 19_5/08/10 VI (li tkompliet fil-25/08/10

# MINUTI TAD-DSATAX IL SEDUTA

**Id-dsatax-il seduta** tal-5 ta' Awwissu 2010 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet l-Erbgħa 25 **ta' Awwissu 2010** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Nikki Dimech** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Yves Bobby Cali**<br>**Sandra Camilleri**<br>**Edward Cuschieri**<br>**Martin Debono**<br>**Cyrus Engerer**<br>**Julian Galea**<br>**Nicolai Gauci** |
| **Skużati:** | |
| **Viċi Sindku:** | **Johanna Gonzi** |
| **Kunsillier** | **Patrick Pace** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Svetlana R. Curmi** |
| **Assistant Principal** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fis-6.10 ta' fil-għaxija b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 18_19/05/10VI
2. Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta b'urġenza 29/07/10VI
3. Materji konnessi mal-minuti
4. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv
5. Approvazzjoni tal-pagamenti
6. *Tender* Servizz ta' Perit
7. *Tender* ta' Xogħlijiet Żgħar
8. Mistoqsijiet mill-kunsilliera
9. Affarijiet Oħra



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 2037 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

*Nota: Il-Kunsill kellu jkompli jiddiskuti l-pagamenti li kienu mressqa għall-approvazzjoni tal-Kunsill fl-aħħar seduta. Is-Sindku N. Dimech staqsa lill-Kunsilliera preżenti jekk il-Kunsill isibx oġġezzjoni li jiddiskuti xi każijiet li jikkonċernaw lill-pubbliku preżenti ghas-seduta. Il-Kunsilliera preżenti ma sabu l-ebda oġġezzjoni għal dan.*

1.1 Tressqet applikazzjoni għar-*reserved parking* bir-referenza 166 fi Triq Amery. Is-sindku N. Dimech spjega lir-residenta li d-deċiżjoni finali ma tkunx tal-Kunsill iżda d-deċiżjoni tal-Kunsill tintbagħat lill-ADT. Ġie mgħoddi r-rapport mediku lill-kunsilliera preżenti fejn unanimament qablu li ma jsibux oġġezzjoni u din għandha tingħata r-*reserved parking*.

1.2 Tressqet talba mill-Perit Stephen Tonna għall-attenzjoni tal-kunsill biex jitpoġġa *tower crane* fi Triq il-Kulleġġ l-Antik. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li t-talbiet għal *tower cranes* għandhom ikunu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu li la darba jrid isir ix-xogħol, il-permess għandu jingħata għal sitt xhur u f'każ li x-xogħol ma jitlestix il-permess għandu jiġi estiż għal tlett xhur oħra, jiġifieri mhux iżjed minn disa' xhur.

**5. Approvazzjoni tal-pagamenti**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-iskeda tal-pagamenti li kienet tqassmet fl-aħħar laqgħa, fejn il-Kunsill kellu jkompli jiddiskuti l-kumplament tal-lista.

5.2 Il-Kunsillier N. Gauci staqsa meta se joħroġ ir-rapport tal-IAID. Xtaq ikun jaf xi procedura qed tintuza biex jigi ordnat ix-xogħol.

5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv S. Curmi qalet li għada kif infurmat lill-haddiema biex qabel ma jkunu se jinxtraw affarijiet żgħar li ma jkunx hemm bżonn ta' kwotazzjonijiet jew ħruġ ta' tender, għandha tiġi ffirmata *purchase requst form* minn għandha stess u f'każ li ma jkunx hemm *purchase requst form*, il-kont ma jitħallasx.

5.4 Il-Kunsilliera M. Aquilina qablet ma' dan u qalet ukoll li spejjez kapitali ghandhom jiġu diskussi fil-laqgħat tal-Kunsill.

| ***Numru tal-PJV*** | ***Lil min pagabbli*** | ***Ammont (Ewro)*** | ***Deċiżjoni*** |
|---|---|---|---|
| 432/10 | Borg Aluminium | 1160.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 434/10 | Mr David Debono | 1050.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 435/10 | Mr Anton Zarb | 945.03 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 436/10 | L. K. Limited | 1160.50 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 438/10 | Mr Mario Mallia | 887.40 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 443/10 | E. Calleja and Sons Ltd | 501.02 | Approvat |
| 444-445/10 | Mr David Gauci | 141.50 | Mhux approvat |
| 446-447/10 | Stardelta | 581.83 | Approvat |

5.5 Il-kunsilliera M. Aquilina qalet li ċertu affarijiet bħal materjal li jinxtara mill-*ironmongeries* biex inkunu nistgħu naqdu lir-residenti għal tiswijiet zghar fit-toroq għandhom jinxtraw mingħajr ma nistennew il-laqgħa tal-Kunsill għaliex inkella l-Kunsill jistaġna u r-resident idum biex jinqeda. Il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu ma' dan.

| Numru tal-PJV | Lil min pagabbli | Ammont (Ewro) | Deċiżjoni |
| --- | --- | --- | --- |
| 448/10 | Mr David Grech | 252.00 | Mhux approvat - Il-kunsill għandu jiċċekkja x'natura ta' materjal inxtara |
| 450-451/10 | Satariano | 304.02 | Mhux approvat - Is-Sindku N. Dimech qal li meta staqsa lis-Segretarja ta' qabel, is-Sinjura Althea Borg, dwar dan il-kont qalet li ma kinitx taf dwar dan. |
| 452/10 | S& R (Handaq) Ltd | 746.94 | Dan ġie pospost sabiex il-kunsill jiċċekkja mal-memo mid-DLG |

5.6 B'referenza għal PJV/452/10, il-Kunsillier B. Cali staqsa jekk il-Kunsill għandux lista tal-fornituri li ma jistax jixtri minn għandhom minħabba l-kwistjoni tal-vat.

*Il-laqgħa ġiet sospiża ghax il-Kunsill ried jistaqsi lis-Sur Martin Bugelli dwar dan. is-Sur Bugelli ta' parir lill-Kunsill biex jirreferi għall-memo li hareg id-Dipartiment u l-Ministeru tal-Finanzi.*

| Numru tal-PJV | Lil min pagabbli | Ammont (Ewro) | Deċiżjoni |
| --- | --- | --- | --- |
| 455/10 | Mr Peter Calleja | 1150.00 | Pendenti - Il-kunsill għandu bżonn rapport dettaljat dwar dan |
| 462/10 | Mr Raymond Cachia | 1121.00 | Mhux approvat |

5.7 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkret lill-Kunsilliera preżenti li r-rendikont finanzjarju għadu ma giex approvat mill-Kunsill biex il-*mid-term audit* jitlesta u l-Kunsill ikollu gwida ahjar. Is-Segretarju Eżekuttiv S. Curmi qalet li dan ix-xoghol ma giex ordnat fi żmienha.

| Numru tal-PJV | Lil min pagabbli | Ammont (Ewro) | Deċiżjoni |
| --- | --- | --- | --- |
| 464/10 | Transient Light and Sound Ltd | 1138.41 | Mhux Approvat - Fuq dan il-kont (464/10) il-kunsilliera M. Aquilina irrimarkat li kienet talbet l-informazzjoni lis-Segretarja ta' qabel is-Segretarju Althea Borg fejn qalet li kienet tat il-*go ahead* għaliex kien hemm *bagit* apposta għall-dawn l-attivitajiet. |

5.8 Is-Sindku N. Dimech ippropona li biex ma nkomplux niddiskutu kull pagament, dawk li huma servizzi għandhom jiġu ċċekkjati mill-*contracts manager* qabel ma tinħareġ l-approvazzjoni. Kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera preżenti dwar din il-proposta.

| Numru tal-PJV | Lil min pagabbli | Ammont (Ewro) | Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 465/10 | Enky Ltd | 1140.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 466/10 | Cancelled | | |
| 467/10 | Mr Mark Vella | 810.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 468/10 | Summit Finishers | 1048.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 469/10 | Mr Joshua M. Ohayon | 1145.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 470/10 | Mr Ruben Abela | 975.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 471-475/10 | Mr John M. Fenech | 708.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 476/10 | Ms M. Therese Vassallo | 900.00 | Mhux approvat |
| 477/10 | Mr Sandro Vella | 118.00 | Mhux approvat |
| 489/10 | Mr Carmelo Camilleri | 190.80 | Approvat |
| 491/10 | Med Developers, Designers + Consultants | 214.77 | Mhux approvat |
| 494/10 | Med Developers, Designers + Consultants | 5177.73 | Mhux approvat |

5.9 Is-Sindku N. Dimech qal li malli dawn jiġu ċċertifikati mill-*contracts manager* tal-kunsill, il-Kunsill jieħu deċiżjoni dwarhom fi żmien jumejn. Il-kunsilliera preżenti qablu dwar dan.

| Numru tal-PJV | Lil min pagabbli | Ammont (Ewro) | Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 466/10 | Mr Mario Camilleri | 1100.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |
| 500/10 | PMD | 500.00 | Mhux approvat ghax dan il-pagament qed jiġi investigat |
| 501/10 | PMD | 500.00 | Mhux approvat ghax dan il-pagament qed jiġi investigat |
| 502/10 | International EuroTrade BG | 325.00 | Mhux approvat ghax dan il-pagament qed jiġi investigat |
| 503/10 | Mr Sigmund Mifsud | 944.00 | Mhux approvat |
| 505/10 | Polidano Bros | 36000.00 | Mhux approvat ghax dan il-pagament qed jiġi investigat |
| 512/10 | PMG | 29084.64 | Mhux approvat ghax dan il-pagament qed jiġi investigat |

5.10 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-ċekk ghall-PJV numru 515/10 f'isem Dr Anton Briffa kellu jinħareġ mill-gdid ghaliex intilef fil-posta. .

| Numru tal-PJV | Lil min pagabbli | Ammont (Ewro) | Deċiżjoni |
|---|---|---|---|
| 479/10 | F. Cordina and Sons Ltd | 1146.00 | Pendenti - Xogħol irid jiġi ċċertifikat mill-*contracts manager* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 515-517/10 | Home and Industry Supplier Ltd | 1174.01 | Pendenti |
| 232/10 | Accountant Cleansing Services Department | 11753.57 | Ġie spjegat li kellu jerġa jinħareġ ċekk għaliex ma kinitx qablet il-firma. |
| 625/10 | Mr Carmelo Camilleri | 48.12 | Kien diġa ġie approvat |
| 626/10-628/10 | Bitmac Ltd | 129.66 | Approvat |
| 629/10 | Socjeta Filarmonika Sliema | 1164.00 | Mhux Approvat |
| 630/10 | Technosoft | 70.80 | Kien diġa ġie approvat |
| 631-632/10 | Supreme Travel Ltd | 2094.99 | Kien diġa ġie approvat |
| 633/10 | Cyberspace Solutions Ltd | 53.10 | Approvat |
| 634/10 | Daina Filling Station | 108.55 | Approvat |
| 635/10 | Malta Directories | 110.00 | Approvat |
| 636/10 | Calleja Ltd | 501.02 | Approvat |
| 637/10 | 3A Malta Ltd | 500.00 | Kien diġa ġie approvat |
| 542/10 | Transient Light and Sound | 164.92 | Mhux approvat |

5.11 Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-PJVs minn numru 638/10 sa 648/10 kienu diġa ġew approvati fil-5 ta' Awwissu.

| *Numru tal-PJV* | *Lil min pagabbli* | *Ammont (Ewro)* | *Deċiżjoni* |
|---|---|---|---|
| 649/10 | Portopalo | 280.40 | Mhux approvat - Is-Sindku N. Dimech qal l se jhallas hu għax ma kienx jaf il-proċedura ta' kif taghmel twinning |
| 650 u 652/10 | Welcome Garage | 76.70 | Pendenti |

5.12 Fuq il PJV/650 u 652/10 il-Kunsillier J. Galea qal li hemm bżonn li jkun hemm rendikont ta' *profit and loss* ta' kull attivita li tiġi organizzati.

| *Numru tal-PJV* | *Lil min pagabbli* | *Ammont (Ewro)* | *Deċiżjoni* |
|---|---|---|---|
| 651/10 | Howard's | 40.49 | Approvat |
| 653/10 | David Camilleri | 89.06 | Approvat |
| 520-521/10 | Home and Industry Supply Ltd | 495.60 | Pendenti |
| 539/10 | Golden Gate Co Ltd | 187.87 | Approvat |
| 526/10 | Joe Bugeja and Associates | 8808.70 | Mhux approvat |
| 558/10 | JCG Ltd | 99.90 | Approvat |

5.13 Il-Kunsilier M. Debono staqsa dwar l-*overtime* tal-ħaddiema klerikali.

5.14 Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li wħud mill-impjegati jidħlu qabel l-ufficcju jiftah ghall-pubbliku biex isir xogħol bħal reġistrar ta' posta, scanning u affarijiet oħra. Qalet ukoll li ċertu xogħol bilfors irid isir barra l-ħin tax-xogħol għaliex minhabba l-interuzzjonijiet mill-pubbliku u t-telefonati ma jkunx jista' jsir *back office work*.

5.15 Is-Sindku N. Dimech staqsa jekk hemmx bżonn li jkun hemm zewg haddiema l-Kunsill jaghmlu l-*overtime* kmieni filgħodu.

5.16 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk il-Kunsill iridtx jieħu deċiżjoni dwar l-*overtime*.

5.17 Il-Kunsillier M. Debono qal li l-Kunsill irid li jibqa jsir overtime imma li dan isir wara l-ħin, u li l-ufficċju

jinfetaħ fis-7.30am.

5.18 Il-Kunsillier B. Cali qabel ma' dan. Hu qal li jekk ikun hemm bżonn tal-*overtime* l-impjegati joqgħodu wara l-ħin, anke peress li ġieli s-Segretarju Eżekuttiv toqgħod wara l-ħin ukoll.

5.19 Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li minn nhar it-Tnejn 30 ta' Awwissu 2010 il-ħinijiet tal-uffiċċju għall-ħaddiema klerikali għandhom ikunu mis-7.30am sas-1.30pm u f'każ li jkun hemm bżonn tal-*overtime* isir wara il-ħin.

### 6. *Tender Servizz ta' Perit*

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat dokument fejn kien hemm immniżżla l-ismijiet u l-offerti ta' dawk li applikaw għat-*tender.* 'DOC A' mehmuż.

6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk hemmx bżonn li jinħoloq bord biex jiġu ivvalutati l-offerti. Staqsiet lill-Kunsillier M. Debono jekk kienx se jipprezenta rapport bl-evalwazzjoni tal-offerti.

6.3 Il-Kunsillier M. Debono qal li hu ma jixtieqx li jagħmel din it-tip ta' evalwazzjoni.

6.4 Is-sindku N. Dimech qal li l-Kunsill ghandu jaghzel l-orħos offerta u li f'dan il-każ kienet dik tal-Perit David Vassallo.

6.5 Is-Sindku N. Dimech staqsa kemm kien se jiddedika siegħat ghall-Kunsill il-Perit Vassallo.

6.6 Is-Segretarju Eżekuttiv tat rendikont tas-sigħat tax-xogħol.

6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-*bid bond* ta' dan l-offerent skadiet f'Mejju u ma ġietx imġedda minkejja li kienet intbgħatet korrispondenza lil dan l-applikant.

6.8 Il-Kunsilliera preżenti unanimament qablu li t-*tender* għandha tingħata lill-Perit David Vassallo bil-kundizzjoni li jkollna konferma minghand il-Perit li hu interessat joffri s-servizz tieghu lill-Kunsill. Dan għandu jerġa jiġi diskuss fl-laqgha oħra tal-Kunsill.

### 7. *Tender* ta' Xogħlijiet Żgħar

7.1 Is-Sindku N. Dimech qal li hemm bżonn li l-Kunsill isejjaħ għal tender għal xogħlijiet żgħar bħal manutenzjoni tat-toroq u biex jigu mizbughin s-sinjali tat-toroq li l-valur taghhom ikun taħt Eur 1164.69. Is-Sindku N. Dimech qal li l-*ispecifications* u l-*Bill of Quantity* jagħmilhom il-perit il-ġdid li se jkun appuntat.

### 4. Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv S. Curmi ressqet korrispondenza minn ESE għal permess biex jagħmlu *beach party.* Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din l-attivita bil-kundizzjoni li jżommu mar-regoli tal-pulizija.

4.2 Il-Kunsilliera S. Camilleri staqsiet jekk il-*contracts manager* tagħna jistax jiċċekkja dwar il-kuntratti li jikkonċernaw l-ambjent.

4.3 Is-Sindku N. Dimech informa lill-Kunsill li qiegħed jipprova jġib aktar reċipjenti tal-iskart mill-Minsiteru għall-Affarijiet Rurali.

4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ipprezentat korrispondenza mill-*Cleansing Services Department* li ma jridx li jġedded aktar il-kuntratti minħabba li l-prezzijiet huma baxxi.

4.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba f'isem Steve Cachia ta' *Onsite Malta*, sabiex itellgħu konferenza ta' madwar 5000 ruħ fi Triq il-Kbira, fejn talbu għal *no parking* fi Triq il-Kbira (żewġ naħat) ta' madwar 120 metru għal 30-31 ta' Awwissu u 1-2 ta'Settembru, 2010. Il-Kunsillier B. Cali qal li filkas iridu jħallu aċċess jew isibu alternattiva għall-parkeġġ lir-residenti ta' dawk l-inħawi. Il-Kunsilliera M. Aquilina qablet ma dan għaliex qalet li diġa għandna problema ta' parkeġġ.

4.6 Is-sindku N. Dimech qal li l-Kunsill m'ghandux japprova dan il-permess sakemm ma jkunx hemm proviżjoni ta' parkeġġ lir-residenti. F'dak il-każ il-kunsill jinfurma lir-residenti ta' Triq Annunzjata, Pjazza Annunzjata, Triq il-Kbira, u Triq Borg Olivier sa Capua. Il-kunsilliera preżenti unanimanet qablu ma' din il-proposta.

4.7 Talba mill-kumpanija GO sabiex tittella attivita fis-27 ta' Awwissu 2010 f'Għar id-Dud. Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

**9. Affarijiet Oħra**

*9.1 Il-kunsillier C. Engerer ressaq mozzjoni ta' sfiduċja fis-sindku N. Dimech u ħatra ta' sindku ġdid. Il-Kunsillier Engerer qal li din kienet iffirmata mill-Viċi Sindku J. Gonzi, il-kunsilliera B. Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri u J. Galea (Doc A anness)*

*9.2 Il-kunsillier C. Engerer qal li għalkemm m'hemmx il-firma tal-kunsillier P. Pace għax huwa imsiefer preżentament, il-kunsillier Pace qal li japprova din l-ittra.*

*9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv S. Curmi qalet li dwar din il-mozzjoni trid issir laqgħa apposta. Qalet li s-Sindku N. Dimech bil-liġi jrid isejjaħ laqgħa fi żmien għaxart'ijiem. Qalet ukoll li din se tiġi ttimbrata li daħlet bid-data ta' llum*

*9.4 Is-Sindku N. Dimech ressaq korrispondenza ffirmata mill-kunsilliera M. Aquilina, B, Cali, S. Camilleri, E. Cuschieri, M. Debono, N. Gauci u P. Pace. (Doc B anness).*

*9.5. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li din se tigi ttimbrata li wasslet illum.*

***Is-seduta ntemmet fid-9pm. Il-laqgħa giet aggornat ghat-Tnejn 30 ta' Awwissu, 2010 fil-5.30pm.***

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**